MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 285/2011

**Untours Insurance Agency Limited u din ghal**
**Qatar Insurance Company International LLC**
**kif surrogata fid-drittijiet ta' Elton Cauchi u l-istess**
**Elton Cauchi**

**vs**

**SCICLUNA Anthony – ID334361-(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu gie dikjarat illi l-attur ha *towbar* ghat-tiswija ghand il-konvenut; illi jumejn wara l-konvenut mar sabiex jirmonka d-dghajsa bil-vettura tieghu. L-istess *towbar* inqasmet minn fejn sar il-*welding* min-naha tal-konvenut; illi dan ikkaguna danni lill-attur Elton Cauchi li ghamlu tajjeb ghalihom l-atturi noe minhabba *comprehensive policy of insurance*; illi minkejja li l-konvenut gie 'nterpellat ihallas id-danni permezz ta' ittra legali datata 30 ta' Lulju, 2010 huwa baqa' inadempjenti; illi l-ispiza tammonta ghal elf, disa' mitt ewro u tmenin centezmi (€1,900.80c) – Dok.'A'; Ghaldaqstant l-atturi jitolbu lil

dan l-Onorabbli Tribunal jghogbu jikkundanna lill-konvenut ihallashom is-somma msemmija, flimkien ma l-ispejjez tal-ittra legali u imghax mid-data tal-prezentata ta' dan l-Avviz.

Il-konvenut huwa ngunt ghas-Subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha eccepixxa illi (1) t-talbiet attrici kif dedotti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi huma 'nfondati lkoll fil-fatt u fid-dritt; (2) illi kuntrarjament ghal dak li qed jigi allegat mill-attur, il-konvenut Anthony Scicluna m'ghamel l-ebda xoghol ta' *welding* ghall-attur Elton Cauchi u ghaldaqstant il-konvenut m'huwiex responsabbli ghall-ebda hsarat u danni konsegwenzjali kif qed jippretendu l-atturi fit-talba taghhom; (3) salv eccezzjonijiet ulterjuri skond il-Ligi.

Ha konjizzjoni tax-xhieda tal-partijiet kontendenti, u tax-xhieda l-ohra mressqa minnhom, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom.

Semgha t-Trattazzjoni.

Ikkunsidra,

Illi r-rapprezentant tas-Socjeta' attrici ddikjara illi l-assigurat taghhom, l-attur Elton Cauchi, kellu polza ta' assigurazzjoni fuq dghajsa, liema polza kienet tat-tip *comprehensive*. Illi din id-dghajsa kienet involuta f'incident stradali in kwantu waqt li kienet qed tigi migbuda fuq trailer, inqalghet it-*tow bar* li kienet qed izzomm il-karru wara l-karozza misjuqa mill-attur, u din id-dghajsa habtet f'vettura parkeggjata. Illi l-istess rapprezentant iddikjarat illi ghalhekk l-assigurazzjoni hallset ghall-hsara kollha li rrizultat konsegwenza ta' dan l-incident, u dan fl-ammont ta' elf, tmin mija u tletin ewro (€1,830.00), u dan kif jirrizulta mill-kopja tac-cheque li jinsab ezebiet a fol. 3 tal-atti. Illi l-hsara li rrizultat f'din id-dghajsa giet ivverifikata minn Surveyor li gie nominat mis-Socjeta' attrici, li hejja u pprezenta r-rapport tieghu, u li in bazi tieghu gie mwettaq il-hlas mis-Socjeta' attrici lill-assigurat taghha.

Illi xehed l-attur li ddikjara li l-konvenut wahhal it-*tow bar* in kwistjoni mal-vettura tieghu, tal-ghamla Ford Escort. Illi din it-*tow bar* kien l-istess attur li taha u kkonsenjaha lill-konvenut, izda halla f'idejh dwar kif kienet ser titwahhal. Illi gara li jumejn wara li din it-*tow*

*bar* twahhlet mal-karozza, l-attur gibed id-dghajsa tieghu fuq karru, u waqt illi kien fi triqtu, u aktar precizament meta kien ser jaqla' minn fuq traffic lights li kienu ghadhom kif bidlu, il-karru li fuqu kienet id-dghajsa inqala' minn mal-karozza, u dan wara li tqacctet it-*tow* bar, u l-karru bid-dghajsa fuqu habtet f'vettura li kienet parkeggjata. Illi konsegwenza ta' dan, id-dghajsa garrbet il-hsara, u wara li l-attur ressaq il-*claim* u hallas l-excess, ircieva rizarciment minghand l-assigurazzjoni ghall-hsara li garrab fid-dghajsa tieghu, u dan in bazi ta' polza ta' assigurazzjoni tat-tip *comprehensive*. Illi l-istess attur iddikjara illi l-konvenut kien mar gabar il-vettura tieghu, hadha sabiex iwahhal it-*tow bar* u rritornahilu dak inhar stess.

Illi l-konvenut, da parti tieghu, iddikjara li s-sengha tieghu kienet ta' *mechanic*. Ikkonferma illi hu wahhal it-*tow bar* mal-karozza tal-attur, u dan bi pjacir lejn l-gharus tat-tifla tieghu, li kien habib tal-attur. Illi hu ddikjara li gabar il-karozza u t-*tow bar* minghand l-attur, wahhal dan it-*tow bar* fil-garage ta' habib tieghu, u dak inhar stess wara nofs inhar irritorna din il-karozza lill-istess attur. Iddikjara li x-xoghol li ghamel hu kien jikkonsisti f'li wahhal din it-*tow bar* b'erba'-(4) *bolts* mal-parti ta' wara tal-karozza tal-attur; iddikjara wkoll li ma uza ebda *welding* fix-xoghol imwettaq minnu. Illi diversi gimghat wara, avvicinah l-attur u informah dwar l-incident li kien sehh bid-dghajsa fuq il-karru. Hu ddikjara wkoll illi l-karru u d-dghajsa rahom biss wara li sehh l-incident, ghaliex qabel ma kienx rahom, u li hu wahhal mal-karozza dak li tah l-attur u li ma kienx jaf x'kien ser jigbed b'din it-*tow bar*. Il-konvenut isostni li ma rcieva ebda hlas minghand l-attur ghax-xoghol li ghamel.

Ikkunsidra,

Illi permezz ta' din l-azzjoni s-Socjeta' attrici, li giet surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha l-attur Elton Cauchi, qed titlob rizarciment minghand il-konvenut tas-somma flus li thallset lill-istess attur *in linea* ta' kumpens ghal danni sofferti minnu fid-dghajsa proprjeta' tieghu, u dan wara li garrbet hsara f' incident li sehh fil-11 ta' Lulju, 2010, u dan kif jirrizulta minn kopja ta' rapport imhejji minn Ufficjal tal-Pulizija (a fol. 6 tal-atti). Illi l-ammont reklamat jirraprezenta in kwantu ghal elf, tmin mija u tletin ewro (€1,830.00) is-somma li thallset lill-attur, u in kwantu ghal sebghin ewro u tmenin centezmu (€70.80c) il-hlas imwettaq lis-Surveyor inkarigat mis-Socjeta' attrici ghar-rapport imhejji minnu, u dan kif jirrizulta mill-kont rilaxxjat minnu (a fol. 24 tal-atti). Illi rrizulta wkoll illi tali somma thallset mis-Socjeta' assiguratrici lill-attur in bazi ta' polza ta' assigurazzjoni tat-tip

*comprehensive*, liema polza kienet tkopri d-dghajsa li, fil-hin tal-incident, kienet qed tingarr fuq karru u migbuda mill-attur bil-vettura tieghu tal-ghamla Ford Escort.

Illi mill-provi mressqa mill-partijiet irrizulta illi l-attur ikkonsenja lill-konvenut *tow bar* u dan sabiex titwahhal mal-parti ta' wara tal-vettura tal-attur. Illi l-konvenut iddikjara illi hu kien jezercita s-sengha ta' mechanic, ghalkemm issa waqaf, u kien wahhal xi *tow bars* precedentement, izda dan ghalih innifsu ma' vetturi tieghu. Illi l-konvenut isostni illi hu mexa mal-istruzzjonijiet mghotija lilu mill-attur, u ghalkemm jista' jkun li gie avzat mill-attur illi din it-*tow bar* kienet intiza sabiex tigbed karru u dghajsa, madanakollu, dawn ma rahomx sa wara li sehh l-incident.

Illi skont id-deposizzjoni mghotija mill-attur, hu ddikjara li l-incident sehh biss jumejn wara li t-*tow bar* giet mwahhla, filwaqt illi l-konvenut iddikjara li dan kien xi xhur wara; madanakollu, hu ddikjara wkoll illi sar jaf bl-incident meta avvicinah l-attur u informah dwaru, u ghalhekk dan seta' kien xi zmien wara. Illi oltre dan, il-konvenut isostni illi ghax-xoghol imwettaq minnu hu ma rcieva ebda hlas minghand l-attur, ghaliex ghamillu x-xoghol bhala pjacir, filwaqt illi l-attur isostni illi hu hallas lill-konvenut l-ekwivalenti ta' erbghin lira Maltin (Lm40.00) f'ewro, u ghalhekk hallsu tlieta u disghin ewro u sbatax-il centezmu (€93.17c).

Illi ladarba l-konvenut gie mitlub li jwettaq din il-bicca xoghol, u bhala persuna tas-sengha accetta li jghamilha, allura jehtieg li jigi verifikat jekk kienx hemm xi traskuragni jew nuqqas ta' hila da parti tal-konvenut fit-twettiq ta' xogholu, u dan irrispettivament jekk thallasx, o meno, ghaliex kien jispetta lill-konvenut li jirrifjuta li jwettaq din il-bicca xoghol jekk deherlu li ma kienx kapaci li jwettaqha. Illi kif gie dikjarat mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-kawza fl-ismijiet **Anthony Tabone vs Salvatore Guillaumier et noe** deciza fit-23 ta' Gunju, 1988: "*Stabbilita' din it-traskuragni, jonqos jigi indagat jekk l-attur, f'dak ix-xoghol li ghamel, kienx intriga ghal xi haga li ma kienx kapaci ghaliha, kienx xi intruz, jew jekk assoggettax ruhu volontarjament ghal xi riskju bla ma kien mitlub, b'mod li tista' ddur fuqu u tghidlu* volenti non fit injuria." Illi ghalkemm din l-azzjoni kienet tittratta dwar danni personali subiti mill-istess attur fuq il-post tax-xoghol waqt il-qadi tad-dmirijiet tieghu, madanakollu, il-Qorti ezaminat il-principju ta' *culpa aquilina,* u cioe' jekk kienx hemm xi kontributorjeta' da parti ta' l-istess attur sabiex sehh l-incident in kwistjoni.

Illi fil-kaz in ezami rrizulta illi l-konvenut kellu struzzjonijiet minghand l-attur sabiex iwahhal *tow bar* specifiku li nghata mill-istess attur lill-konvenut. Illi ghalkemm jidher illi l-konvenut fehem illi din it-*tow bar* kienet intiza sabiex tingibed dghajsa fuq karru, madanakollu, l-istess konvenut ma ndagax dwar jekk it-*tow bar* in kwistjoni kienitx addattata ghall-uzu li ghalih kienet intiza, u halla tali decizjoni interament fid-diskrezzjoni tal-attur, li kkonsenjalu l-istess *tow bar* u talbu sabiex iwahhalha mal-karozza tieghu. Illi lanqas ma rrizulta li l-attur talab minghand il-konvenut parir dwar jekk din it-*tow bar* kienitx addattata, o meno, sabiex tingibed id-dghajsa tieghu, u l-inkarigu mghoti lill-konvenut kien semplicement sabiex iwahhal din it-*tow bar*.

Illi l-konvenut isostni li x-xoghol li sar minnu kien jikkonsisti f'li jwahhal pjanca tal-hadid, li maghha kienet imqabbda t-*tow bar*, mal-karozza tal-attur, u dan sar minnu billi invita b'erba'-(4) jew sitt-(6) *bolts*/viti din il-pjanca mal-karozza tal-attur. Illi eventwalment meta tqaccat it-*tow bar* jidher illi dik il-parti li kienet giet imwahhla mill-konvenut mal-vettura tal-attur, u cioe' il-pjanca tal-hadid, baqghet imwahhla mal-istess karozza, u jidher illi t-*tow bar* tqacctet mill-*arm* li kienet imqabbda maghha.

Illi s-Surveyor inkarigat mis-Socjeta' attrici fix-xhieda tieghu ddikjara illi meta mar sabiex iwettaq l-ispezzjoni tad-dghajsa, hu ma rax it-*tow bar* imwahhla fil-post, madanakollu, deherlu li seta' kien hemm xi *welding* nieqes; iddikjara wkoll, illi ma kienx l-inkarigu tieghu li jistharreg dwar x'seta' kkawza l-incident, u jekk il-*welding* kienx ta' sahha bizzejjed sabiex jiflah ghal dan il-piz tad-dghajsa, ghaliex l-inkarigu tieghu kien limitat sabiex jistabilixxi l-valur tal-hsara li garrbet id-dghajsa f'dan l-incident. Illi minn din id-deposizzjoni jidher illi l-*causa prossima* li wasslet sabiex sehh dan l-incident kien xoghol ta' *welding* li ma sarx skond is-sengha u l-arti, bil-konsegwenza illi t-*tow bar*, jew xi parti mill-istruttura li kienet imqabbda maghha, ma kienetx b'sahhitha bizzejjed, u tqacctet. Illi l-konvenut isostni li hu m'ghamel ebda xoghol ta' *welding* u l-atturi ma ressqu ebda prova ghal kuntrarju. Illi ghalhekk, jidher illi l-incident odjern sehh bhala konsegwenza ta' uzu da parti tal-attur ta' *tow bar* difettuza jew mhux addattata ghall-uzu li ghalih kienet intiza, u mhux minhabba xi traskuragni jew nuqqas ta' hila fix-xoghol imwettaq mill-konvenut fuq inkarigu tal-attur; illi ghalhekk it-Tribunal ser jghaddi sabiex jillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jilqa' l-eccezjonijiet tal-konvenut, qed jichad it-talba tal-atturi.

L-ispejjez ta’ din il-kawza jkunu a karigu tal-atturi.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------